Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 84/20**

il-Lussemburgu, id-9 ta' Lulju 2020

Sentenza fil-Kawża C-297/19
Naturschutzbund Deutschland - Landesverband Schleswig-Holstein e.V. vs Kreis Nordfriesland

# Il-persuni ġuridiċi rregolati mid-dritt pubbliku jistgħu jkunu responsabbli mid-danni ambjentali kkawżati minn attivitajiet eżerċitati fl-interess tal-kollettività bis-saħħa ta' trasferiment legali ta' missjoni, bħall-operat ta' stazzjon għall-ippumpjar għad-drenaġġ ta' superfiċi agrikoli

Matul is-snin 2006 sa 2009, parti mill-peniżola ta' Eiderstedt, li tinsab fil-parti tal-Punent tal-Land ta' Schleswig Holstein (il-Ġermanja), ġiet ikklassifikata bħala "żona ta' protezzjoni" minħabba, b'mod partikolari, il-preżenza taċ-Ċirlewwa Sewda, għasfur akwatiku protett. Skont il-pjan ta' amministrazzjoni, iż-żona ta' protezzjoni ta' din l-ispeċi tibqa' fil-parti l-kbira użata b'mod tradizzjonali bħala reġjun ta' mergħat fuq superfiċi kbar. Sabiex tkun abitata u operata għal finijiet agrikoli, il-peniżola ta' Eiderstedt għandha bżonn ta' drenaġġ. Sabiex jagħmel dan, id-Deich- und Hauptsielverband Eiderstedt, sindakat tal-idrawlika u tar-risanament ikkostitwit taħt il-forma ġuridika ta' persuna ġuridika rregolata mid-dritt pubbliku, jopera stazzjon għall-ippumpjar li jbattal mill-ilma t-territorju kollu li jkopri. Dawn l-operazzjonijiet ta' ppumpjar, li għandhom bħala effett li jnaqqsu l-livell tal-ilma, jaqgħu taħt il-missjoni tiegħu ta' manutenzjoni tal-ilmijiet tal-wiċċ, li ġiet fdata lilu mil-liġi bħala obbligu tad-dritt pubbliku.

Peress li kkunsidrat li, bl-operat ta' dan l-istazzjon għall-ippumpjar, id-Deich- und Hauptsielverband Eiderstedt ikkawża danni ambjentali b'detriment għaċ-Ċirlewwa Sewda, assoċjazzjoni ta' protezzjoni tal-ambjent, in-Naturschutzbund Deutschland - Landesverband Schleswig-Holstein, ressqet quddiem id-distrett ta' Nordfriesland talba għal miżuri ta' limitazzjoni u ta' kumpens għal dawn id-danni, li ġiet miċħuda. Insostenn tat-talba tagħha, l-assoċjazzjoni invokat il-leġiżlazzjoni Ġermaniża adottata għall-finijiet tat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2004/35 dwar ir-responsabbiltà ambjentali [1]. Din id-direttiva tistabbilixxi qafas ta' responsabbiltà ambjentali sabiex jiġu evitati u rrimedjati, fost oħrajn, id-danni ambjentali kkawżati mill-attivitajiet tax-xogħol għall-ispeċi u ambjenti naturali previsti b'mod partikolari fid-Direttivi "dwar il-Habitats"[2] u "dwar l-Għasafar"[3].

It-tieni inċiż tat-tielet paragrafu tal-Anness I **tad-Direttiva 2004/35** madankollu **jippermetti** lill-**Istati Membri li jipprevedu eżenzjoni minn responsabbiltà favur proprjetarji u operaturi meta d-danni kkawżati għall-ispeċi u għall-ambjenti naturali jirriżultaw minn "amministrazzjoni normali" tas-sit ikkonċernat. Il-Ġermanja għamlet użu minn din il-possibbiltà.**

Huwa f'dan il-kuntest li l-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali, il-Ġermanja), adita biċ-ċaħda tat-talba tal-assoċjazzjoni ta' protezzjoni tal-ambjent, iddeċidiet li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk u f'liema kundizzjonijiet attività bħall-operat ta' stazzjon għall-ippumpjar għad-drenaġġ ta' superfiċi agrikoli tista' titqies bħala li tirriżulta mill-"amministrazzjoni normali ta' sit" fis-sens tad-Direttiva 2004/35. Minbarra dan il-qorti tar-rinviju stiednet lill-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża

[1] Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta'April 2004 dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 8, p. 357).

[2] Direttiva Tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' l-*habitat* naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 102).

[3] Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU 2010, L 20, p. 7).

jekk tali attività tistax, mill-fatt li hija eżerċitata fl-interess tal-kollettività bis-saħħa ta' trasferiment legali ta' missjoni, titqies bħala "attività tax-xogħol" fis-sens tad-Direttiva 2004/35.

Fis-sentenza tagħha tad-9 ta' Lulju 2020, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li **l-kunċett ta' "amministrazzjoni normali ta' sit" għandu jinftiehem bħala li jinkludi kull miżura li tippermetti amministrazzjoni tajba jew organizzazzjoni ta' siti li jospitaw speċi jew ambjenti naturali protetti, konformi, b'mod partikolari, mal-prattiki agrikoli ġeneralment aċċettati.**

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li **l-amministrazzjoni ta' sit li fih speċi protetti u ambjenti naturali fis-sens tad-Direttivi "dwar il-Habitats" u "dwar l-Għasafar" tista' tiġi kkunsidrata bħala "normali" biss jekk tosserva l-għanijiet u l-obbligi previsti f'dawn id-direttivi** u, b'mod partikolari, il-miżuri ta' amministrazzjoni kollha adottati mill-Istati Membri fuq il-bażi tal-imsemmija direttivi, bħal dawk li jinsabu fir-rekord u fid-dokumenti mmirati previsti fit-tieni inċiż tat-tielet paragrafu tal-Anness I tad-Direttiva 2004/35. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li **l-amministrazzjoni normali ta' sit tista', b'mod partikolari, tinkludi l-attivitajiet agrikoli eżerċitati fuq is-sit, inklużi s-supplimenti indispensabbli tagħhom għall-irrigazzjoni u d-drenaġġ u, għaldaqstant, l-operat ta' stazzjon għall-ippumpjar**.

Minbarra dan, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li qorti msejħa sabiex tevalwa n-natura normali jew le ta' miżura ta' amministrazzjoni tista', meta d-dokumenti ta' amministrazzjoni tas-sit ma jinkludux indikazzjonijiet suffiċjenti, tevalwa dawn id-dokumenti fid-dawl tal-għanijiet u tal-obbligi previsti mid-Direttivi "dwar il-Habitats" u "dwar l-Għasafar" kif ukoll bl-għajnuna ta' standards nazzjonali adottati għat-traspożizzjoni ta' dawn id-direttivi jew, fin-nuqqas ta' dan, kompatibbli mal-ispirtu u mal-iskop ta' dawn id-direttivi.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, skont it-tieni inċiż tat-tielet paragrafu tal-Anness I tad-Direttiva 2004/35, l-amministrazzjoni normali ta' sit tista' tirriżulta wkoll minn prattika preċedenti eżerċitata mill-proprjetarji jew mill-operaturi. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li din ir-regola tkopri l-miżuri ta' amministrazzjoni li, fid-data meta jseħħ id-dannu, kienu ġew ipprattikati matul ċertu perijodu ta' żmien suffiċjentement twil u ġeneralment huma rrikonoxxuti u stabbiliti sabiex ikunu jistgħu jitqiesu li huma komuni għas-sit ikkonċernat, bla ħsara madankollu li huma ma jpoġġux f'dubju l-issodisfar tal-għanijiet u tal-obbligi previsti fid-Direttivi "dwar il-Habitats" u "dwar l-Għasafar".

**Fir-rigward tal-kwistjoni jekk attività eżerċitata minn persuna ġuridika rregolata mid-dritt pubbliku fl-interess tal-kollettività bis-saħħa ta' trasferiment legali ta' missjoni, bħall-operat ta' stazzjon għall-ippumpjar għad-drenaġġ tas-superfiċi agrikoli, tistax tikkostitwixxi "attività tax-xogħol" fis-sens tad-Direttiva 2004/35, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li din l-espressjoni tkopri l-attivitajiet kollha eżerċitati f'kuntest professjonali, għall-kuntrarju ta' qafas purament personali jew domestiku, indipendentement mill-fatt li dawn l-attivitajiet kellhomx jew le relazzjoni mas-suq jew natura kompetittiva.**

---

**TFAKKIRA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti lill-qrati tal-Istati Membri, fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jagħmlu lill-Qorti tal-Ġustizzja mistoqsijiet dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma tiddeċidix il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddeċiedi l-kawża b'mod konformi mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni hija vinkolanti, bl-istess mod, għall-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*